MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Numru. 980/2003

PULIZIJA
SPETTUR ALEXANDER PAUL MIRUZZI
VS
DOYLE SAPIANO
NEVILLE TONNA
JASON MICALLEF

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Doyle Sapiano, bin Emmanuel u Anna nee' Vassallo, imwieled Attard fis-7 t'April 1980, u residenti 39, Triq Cosmana Navarra, Rabat, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 633682(M); kif ukoll Neville Tonna, bin Imelda Tonna, imwieled Pieta' fit-3 ta' Mejju 1985, u residenti 18, Triq Bartolomew, Rabat, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 265085(M); kif ukoll Jason Micallef, bin Joseph u Evelyn nee' Oliver, imwieled Pieta' fl-24 t'April 1981, u residenti 3, Misrah tal-Griegi, Mdina, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 270681(M);

u akkuzati talli fl-24 ta’ Settembru 2003, u fil-granet ta’ qabel din id-data, f’Bingemma, xjentement jew b’negligenza, nuqqas ta’ hila jew ta’ osservanza ta’ regolamenti, ikkagunaw dannu lil, jew qerdu propjeta’ kulturali, sew jekk tali propjeta’ kulturali tkun registrata, sew jekk ma tkunx registrata f’xi nventarju skond l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap 445, u kemm jekk is-sid ta’ tali propjeta’ ta’ patrimonju kulturali jkun il-persuna lit kun ikkagunat il-hsara jew il-qerda, kemm dik il-persuna tkun qeghda tamministraha b’mod legittimu, u dan bi ksur tal-Kap 445, Artikolu 53(1)(a) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzati wkoll talli fl-istess zmien, post u cirkostanzi, ghamlu xi attivita’ jew inkella agixxew bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap 445, jew ta’ regolamenti maghmulin tahtu, jew tal-kundizzjonijiet ta’ licenzja jew permess mahrug taht dan l-Att, jew naqsu milli jaghmlu xi haga li tkun mehtiega li taghmel taht dan l-Att, b’regolamenti jew licenzja, u dan bi ksur tal-Kap 445, Artikolu 53(1)(b) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzati wkoll talli fl-istess zmien, post u cirkostanzi ghamlu xi zvilupp minghajr permess tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u dan bi ksur tal-Kap 356, Artikolu 30 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Neville Tonna wahdu, akkuzat talli sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Antonio Mizzi), datata 2 t’April 2003, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Neville Tonna wahdu hu akkuzat ukoll talli kiser kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Micallef Trigona, datata 13 ta’ Gunju 2001.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena, tordna li jitnehha dak kollu li jkun qed jikkaguna r-reat u li jregghu lura ghal li kienet, kull haga li tkun saret minghajr ebda permess mehtieg taht l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap 445, jew biex ihares il-kundizzjonijiet imposti f’tali permess, skond il-kaz, fi zmien sufficjenti ghal dak l-iskop u f’kull kaz ta’ mhux izjed minn tliet xhur mid-data tas-

sentenza u, jekk hekk stabbilit, jista' jehel ukoll multa ta' mhux anqas minn hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25), u mhux izjed minn hamsin Lira Maltin (Lm50), kif il-Qorti tkun tista' tistabilixxi ghal kull gurnata li jkompli n-nuqqas wara li jiskadi z-zmien imsemmi, ai termini tal-Kap 445, Artikolu 53(2), u Kap 356, Artikolu 56(2) tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati.

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni ta' l-imputati, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputati jirripensaw ruhhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom, din il-Qorti ssib lill-imputati hatja ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza, b'assorbiment ai fini ta' piena, tat-tieni u t-tielet akkuza. In oltre, issib lill-imputat Neville Tonna hati wkoll tar-raba' u l-hames akkuza. Il-Qorti rat l-Artikolu 53 tal-Kap 445, Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikoli 22 u 23 tal-Kap 446, u tillibera lill-imputati Doyle Sapiano u Jason Micallef bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn, waqt illi tikkundanna lil Neville Tonna jhallas multa ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500), li ghandhom jithallsu b'rata mensili fi zmien sitt xhur.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-wirt storiku, mertu ta' din l-akkuza, u cioe' illi l-Katakombi ta' Bingemma, jinstabu fi stat mitluq ghall-ahhar, u li fid-data ta' l-incident, ma kien hemm ebda tabella jew indikazzjoni ta' l-importanza storika ta' dan is-

situs ghall-membri tal-pubbliku; hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi dawn it-tlett zaghzagh ghamlu l-hsieb li juzaw l-ispazju ta’ l-oqbra mhaffra fil-blat, biex jikkonvertuh go kamp ghalihom; u li d-dannu li seta’ sehh kien biss meta z-zaghzagh iddecidew illi jghalqu l-qabar permezz ta’ bieb u l-hsara hija limitata ghal uzu ta’ ftit cement miz-zaghzagh sabiex ghalqu toqba zghira fl-apertura, li ma setghetx tigi koperta bil-bieb; illi di piu’, din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi t-tlett zaghzagh irreprestinaw il-qabar fi stat illi kien minnufih, u li d-dannu li seta’ sar bi tqieghid ta’ ftit cement, ma setax jigi kwantifikat mill-Malta Heritage (ara xhieda ta’ Katya Stroud). Il-Qorti apprezzat ukoll il-fatt illi dan il-kaz non si tratta ta’ xi att vandalu.

Il-Qorti, fl-ghotja tal-piena, gharfet ukoll illi Neville Tonna, ghall-kuntrarju ta’ l-imputati l-ohra, mhuwiex ‘a first offender’ u ghaldaqstant, jimmerita piena li tirrifletti dan l-istat ta’ fatt.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------